MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Numru 1259/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian J. Abdilla**

**vs**

**Sarah Ann Gatt**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Sarah Ann Gatt nee' Falzon ta' 29 sena, bint Alfred u Mary nee' Galea, imwielda Pieta' fl-1 ta' Ottubru 1980, u residenti fi Flat 1, Entrance A, Triq Patri Gwann Azzopardi, Santa Venera u detentrici tal-karta tal-identita' numru 463780(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

1. F’Novembru 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji , jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ EUR 150, ghad-dannu ta’ FGL Enterprises Ltd u €240 ghad-dannu ta’ Untours Travel ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommettiet serq ta’ cekkijiet mic-cheque book tal-Bank of Valletta plc, li jappartjeni lil Brian Borg, u li ghandu il-kont bin-numru 40016998399, liema serq sar ghad-dannu ta’ l-istess Brian Borg u ma jaqbizx l-ghaxar Euro ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 261 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ f’cekk tal-Bank of Valletta plc bin-numru 000033, li jippartjeni lil Brian Borg, u li ghandu il-kont bin-numru 40016998399,billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw ; kif ukoll talli xjentament ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).
Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta' April 2010 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-15 ta' April 2010 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-15 ta' April 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.
Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali netta u kif ukoll il-fatt li ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 261, 183, 184 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha, kif minnha ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum u bil-kundizzjoni li sa zmien xahar(1)

millum thallas lil FGL Enterprises Limited is-somma ta’ mija u hamsin ewro (€150) u lil Untours Travel is-somma ta’ mitejn u erbghin ewro (€240).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------